Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/03*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 03 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 24 ta' Mejju, 2013 fit-8.15p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-02

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Mill-Minuti 7-002

3.01 **Paragrafu 9.13 –** Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li tkellem ma' diversi residenti dwar il-pedestrian crossing li hemm fi Triq il-Fanal jirriżultalu li din ikun aħjar li tibqa'. Il-Kunsill qabel li għandha tibqa' u għalhekk fil-futur nagħmlulha il-belisha lights ukoll.

3.02 **Paragrafu 11.07** – Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien mar jara l-problema tal-ilma tax-xita li għandu George Formosa fi Sqaq tal-Qattus, Triq Ta' Għammar. Huwa ippropona li jsir gandott għall-ilma tax-xita u b'hekk il-problema tissolva. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ.

## 4. Ittra ta' Direzzjoni 2012

Il-Kunsill iddiskuta l-ittra ta' direzzjoni 2012 u qabel li għandu jibgħat ir-risposta dwar il-punti kollha imsemmija mill-Uditur. F'wieħed mill-punti, l-Uditur ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal fatt li trid issir assikurazzjoni tal-assi tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li niġbru kwotazzjonijiet sabiex issir assikurazzjoni kif mitlub mill-Uditur.

## 5. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill fi żmien il-Festa

Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li għandhom jiġu organizzati fi żmien il-festa. Kif maqbul fl-aħħar laqgħa diġa qed isiru l-preparament biex jiġu orgnaizzati l-logħob għal kull età u anke t-tiġrijiet taż-żwiemel. Il-Kunsillier Joe Farrugia ippropona sabiex il-Kunsill jgħin fl-organizzazjoni tal-festi esterni. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ser isir ix-xogħol meħtieġ biex il-festa tkun organizzata bl-aħjar mod possibbli.

## 6. Korrispondenza

6.01 Memo 09/2013 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet tal-Lifelong Learning 2013-14

6.02 Id-Dipartiment tal-Kultura (Għawdex) infurmaw lill-Kunsilli Lokali dwar attivita li ser issir fl-okkażjoni tas-Sette Giugno. Fost affarijiet oħra se jitqassam ktieb lill-istudenti kollha ta' Year 4 u 5. Il-Kunsilli qed jiġu mitluba sabiex iħallsu dawn il-kotba li se jitqassmu mis-Sindki ta' kull raħal. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu sehem f'din l-attivita.

6.03 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għas-sena 2013 se tkun ta' €158,094.

6.04 ANSEK (Assoċjazjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsill Lokali) infurmat lill-Kunsill dwar sħubija korporattiva.

6.05 Mike Galea informa lill-Kunsill dwar ktieb li kiteb 'F'qalbi, ma tmut Qatt, minn luttu għal serħan il-qalb'. Huwa ippropona sabiex il-Kunsill jagħti dan il-ktieb lil familjari li jkunu għadhom kif tilfu lil xi ħadd mill-familja tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandna nixtru għaxar kotba għall-prezz ta' €10 'l wieħed.

6.06 David Soler mill-Kumitat Konġunt għall-Infurzar tal-Liġi informa lill-Kunsilli Lokali li dan il-Kumitat ġie xolt peress li issa hemm il-Kumitat Reġjonali. Għalhekk il-Kumitat għandu bżonn numru tal-account tal-bank sabiex il-flus dovuti dwar citazzjonijiet li ingħata qabel sar il-Kumitat Reġjonali jgħaddu għand il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li niffirmaw il-ftehim propost dwar din il-bidla.

6.07 Fuq talba tal-Kunsill il-MEPA bgħatet kopja tal-pjanti dwar il-permess ta' Triq il-Ġonna. Il-Kunsill qabel li dan il-permess u x-xogħol meħtieġ għandu jiġi diskuss aktar fid-dettal fil-futur qrib.

6.08 B'referenza għall-ilment li sar minn Glynis Pace ta' Triq Ta' Għammar dwar il-ħajt li għandha mal-ġnien tagħha, il-Perit Saliba għadda r-rapport lill-Kunsill. Skond il-Perit Saliba l-Kunsill m'huwiex responsabbli minn dan il-ħajt għar-raġuni li Glynis Pace jew sid il-post kien bena ħajt 'l fuq mill-ħajt li kien inbena mill-Kunsill. Għalhekk meta inbena il-ħajt mis-sid, awtomatikament huma aċċettaw ir-responsabilta tal-istess ħajt. Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu r-rapport lis-Sinjura Glynis Pace u b'hekk ninfurmawha wkoll li l-manutenzjoni trid issir minn naħa tagħha.

**7. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-03 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**8. Materja oħra**

8.01 Salvu Cini li joqgħod fi Triq il-Ġonna talab li jinbena ħajt fl-inħawi ta' Sqaq il-Qattus. Il-Kunsill qabel li għandna ngħaddu dan l-ilment lill-Ministeru għal Għawdex biex isir ix-xogħol meħtieġ.

8.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar ilment li għamel Noel Xerri biex jinbena ħajt fi sqaq fi Triq Dun Karm Caruana. Il-Kunsill qabel li għandna naraw jekk dan il-ħajt hux responsabilta tal-Kunsill. Għalhekk il-Perit John Saliba se jiġi mitlub jivverifika jekk dan il-passaġġ hux privat jew tal-Gvern. Kif ikolna konferma dwar dan, jekk ikun responsabilta tal-Kunsill, isir ix-xogħol meħtieġ.

8.03 Stella Spiteri talbet sabiex isir ftit siment taħt il-bankina peress li qed jitla' ħafna ħaxix ħażin. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ.

8.04 Anthony Zammit mill-Għarb ilmenta mal-Kunsill dwar ħajt imwaqqa' li hemm fi Triq Ta' Għammar. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-Ministeru Għal Għawdex sabiex jibgħat il-ħaddiema biex jibnu dan il-ħajt. Il-Kunsill qabel li t-taħmil isir minn naħa tal-Kunsill.

8.05 Francis Debrincat mill-Għarb ilmenta dwar l-istat ta' Triq Kanġla peress li fiha ħafna ħofor. Din it-triq magħmula bil-konkos u fiha ħafna ħofor. Huwa qal li jekk il-Kunsill jipprovdi l-materjal huwa jsib bdiewa oħrajn biex flimkien jirranġaw it-triq. Il-Kunsill qabel li nipprovdu erba' jardi konkos biex titranġa t-triq.

8.06 Mario Gauci ta' Triq Ta' Għammar talab sabiex jitneħħa t-terrapien li kien intefa' fl-għalqa ta' ma' ġenb tiegħu meta inbena ħajt fl-istess inħawi. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ.

8.07 Carmel Caruana ta' Triq il-Fanal talab sabiex jitranġa ħajt fl-inħawi ta' Triq il-Kanun. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ mill-ħaddiema tal-Kunsill.

8.08 Charlie Cauchi ta' Triq il-Fanal talab sabiex jinbena reċint ta' filata jew tnejn fi Triq it-Tamar peress li hemm periklu li vettura tista' taqa' għall-isfel. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ mill-ħaddiema tal-Kunsill.

8.09 Rose Stellini ta' Triq il-Knisja ilmentat dwar periklu tat-traffiku li hemm fi Triq il-Knsija kantuniera ma' Triq Salvu Gambin u Triq il-Wilġa. Hija talbet sabiex jiżdiedu s-sinjali sofor u isiru żewġ 'STOP' oħra. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu biex issir 'Stop' waħda oħra. Din għandha ssir fuq in-naħa ta' Triq Salvu Gambin. Il-Kunsill qabel li n-naħa ta' Triq il-Wiġa għanda issir 'SLOW'. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex isiru dawn is-sinjali tat-traffiku.

8.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kellu ilment minn għand Joe Camilleri li joqgħod Triq Ta’ Għammar dwar ħajt biex jitranġa fl-inħawi Ta’ Kanġla. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 21 ta’ Ġunju, 2013 fis-7.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fl-10.00p.m.

Av. Daniel Attard
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv